MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 171/2012

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1047/12 fl-ismijiet:**

**L-Avukati Ian Sptieri Bailey u Joseph Gilgio (GSB Advocates) u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi**

**Vs**

**Clara Azzopardi (ID 798632M) maghrufa wkoll bhala Chiara Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih, ir-rikorrenti Clara Azzopardi, wara li ppremettiet u esponiet bir-rispett:-

1. Illi fit-2 ta' April 2012, inhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-mittenti ghal ammont ta' erbgha t'elef tlett mija u sittin euro u ghoxrin centezmu (€4,360.20).

2. Illi dan il-mandat gie notifikat lil diversi banek bhala sekwestratarji li huma l-HSBC Bank Malta plc, l-Bank of Valletta, l-Lombard Bank, l-APS Bank Malta u l-Banif Bank Malta plc.
3. Illi l-uniku ntrojtu li ghandha r-rikorrenti huma manteniment li hija tircievi bhala rizultat ta' sentenza ta' separazzjoni citazzjoni numru 29/2010 NC fl-ismijiet Chiara Azzopardi vs l-Av Dr Mark Busuttil u l-prokuratur legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Azzopardi, deciza fl-1 ta' Gunju 2010.
4. Skond din is-sentenza, l-manteniment dovut lill-attrici huwa ta' elf hames mija hamsa u erbghin euro u ghoxrin centezmu (€1,545.20) kull tlett xhur.
5. Illi ai termini tal-Artikolu 381(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ma jistax jinhareg mandat ta' sekwestru fuq flus li jinghataw taht titolu ta' manteniment.
6. Illi dan il-mandat ta' sekwestru effettwa l-kont bankarju li jinsab il-Bank of Valletta, li fih r-rikorrenti tircievi dan il-manteniment.

Talbet ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, thassar dan il-mandat ta' sekwestru li sar fil-konfront taghha u tirrizerva d-dritt li tipprezenta dak kollu li din l-Onorabbli Qorti tqis li huwa necessarju ghal dan il-fini.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-11 ta' Mejju 2012 (fol 3 tal-atti).

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 5 u fol 6 ibid) u li biha esponew bir-rispett:

1. L-inapplikabilita' tal-Artikolu 381(e) tal-KAP 12. Dan l-artikolu tal-ligi huwa intiz biss biex jevita illi persuna illi ghandu jaghti flus b'manteniment jinqabad bhala sekwestratarju fuq Mandat ta' Sekwestru maghmula kontra persuna illi tircievi tali manteniment. Tant hu hekk illi il-ligi titkellem fuq *"flus li ghandhom jinghataw"* – u fil-kaz odjern, ir-ragel tar-rikorrenti mhux wiehed mis-

sekwestratarji. It-test Ingliz jikkonferma din it-tezi u linja ta’ hsieb.

2. Il-ligi trid tipprevjeni sitwazzjoni, per ezempju, fejn mara separata illi tmur toqghod gewwa fond b’kera u ma thallasx il-kera tigi rinfaccjata b’nuqqas ta’ hlas tal-manteniment ghax sid il-kera jaghmel Mandat ta’ Sekwestru fuq zewgha illi jhallas il-manteniment. Dak huwa kaz illi l-ligi ma tippermettix u dik il-mara hija salvi b’din il-ligi li tibqa’ tippercepixxi l-manteniment ta’ zewgha. Imma sid il-kera ikun aktar minn legittimu illi jaghmel Mandat ta’ Sekwestru fuq l-assi l-ohra kollha tal-mara, inkluz depositi li jista’ jkollha.

3. Illi bil-Mandat ta’ Sekwestru maghmul, **huma maqbudin il-flus illi kienu hekk depositati fil-kontijiet bankarji de quo**, irrispettivament mis-sors minn fejn gej – u dan mhux illegali xejn. Il-manteniment minnha percepit b’ebda mod ma huwa kopit u hija libera illi taghmel l-arrangamenti kollha biex il-manteniment tircievieh xorta wahda. Li huwa kolpit bil-Mandat mhux il-manteniment imma d-depositi li seta’ kellha ir-rikorrenti fil-banek sekwestratarji, gejjin minn fejn gejjin dawk id-depositi.

4. Minghajr pregudizzju ghal dan, x’kontroll ghandha l-Qorti tal-allegazzjoni illi l-flus tar-rikorrenti depostiti fil-kont bankarju tal-Bank of Valletta huma kollha flus derivanti mill-manteniment minnha percepit? Minn jista’ jghid illi ma hemmx likwidita’ derivanti min sorsi ohra?

5. Ukoll minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg paragrafi – manteniment percepit minn mara adulta ghaliha nnifisha jigi percepit ghal kwalsiasi bzonn taghha. Mhux giust illi tinkariga servizz professjonali, f’dan il-kaz ta’ Avukati, tinqeda’, bl-istess sentenza tigi li tippercepixxi manteniment ta’ l-fuq minn €515 fix-xahar (hawn min ghandu pensjoni ta’ €300 fix-xahar u jghaddu biha) u mbaghad bl-iskuza, anke jekk veru, li tghix b’dan l-introjtu biss, tonqos milli thallas ghal servizz lilha moghti fuq inkarigu taghha stess. Fuq kollox ghandu jkun prezunt, una volta’ mhix assistita minn Avukat tal-fqar, illi bl-istess introjtu qed thallas ghall-ispejjes u drittijiet tal-procedura odjerna.

Tant ghandhom x’jirrispondu l-esponenti f’dan l-istadju.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment is-sentenza msemmija (fol 9 et seq ibid) kif ukoll il-kopja tal-istess mandat (fol 16 et seq ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-fatti w it-talba in esami, l-istess <u>rikorrenti</u> xehdet (fol 13 et seq ibid) li zewgha jghix u jahdem barra minn Malta u, kull tlett xhur, jhallasha bhala manteniment is-somma ta' elfejn dolloru Amerikan, liema manteniment hu l-uniku introjtu taghha. Inoltre b'referenza ghas-sentenza msemmija, matul il-proceduri inkluzi dawk ta' medjazjoni u in rigward kull darba li kienet tmur ghand l-Avukat taghha, hi kienet hallset, akkont is-somma ta' €2,800, l-ahhar pagament ammontanti ghal €50 "… wara l-kawza" u "m'ghandi l-ebda ircevuta". Xi hames xhur wara li l-istess kawza ta' separazzjoni giet deciza finalment hi rceviet il-kont minghand l-intimati izda "… qatt ma gejt infurmata bit-taxxa tad-drittijiet". Dwar l-istess kont hi sostniet "… li din ma kellix inhallas". Dwar dawk il-pagamenti li kienet ghamlithom lill-Prokuratur Legali, intimat ukoll, kif ukoll wiehed mill-intimat l-ohrajn, waqt il-medjazzjoni. Fl-ahhar nett, hi kkonfermat illi d-dar konjugali kif dak kollu fl-istess dar, gie assenjat lilha, bhala konsegwenza tal-procedura ta' separazzjoni.

Illi l-istess rikorrenti pproduciet, ukoll, lil <u>Romuald Attard</u> (a fol 34 et seq ibid) in rappresentanza tal-bank 'Bank of Valletta plc' u dan esebixxa l-'statements' kollha bejn is-snin l-2009 sal-2012 in rigward il-kont bankarju 40011579302 registrat fuq isem ir-rikorrent. Filfatt kif jidher mill-istess 'Statements' f'dan il-kont kien jigi depositat il-manteniment dovut lir-rikorrenti izda fil-25 ta' Mejju 2012, kull bilanc ammontanti ghal €1618.26 fih gie sbankat u depositat fir-Registru ta' din il-Qorti bhala konsegwenza tal-mandat, in esami. Jidher ukoll li hlief ghal xi ammonti zghar, l-unici ammonti depositati kienu

jirreferu ghall-mantement dovut lill-istess rikorrenti minn zewgha.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 381(e) citat fir-rikors promotur jghid illi ma jistax jinhareg mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fuq kwalunkwe ammont dovut bhala manteniment moghti kemm ‘ufficjo judicis’ jew permezz t’att pubbliku sakemm id-dejn ma hux dovut bhala manteniment.

Illi bhala fatt irrizulta mill-fatti u provi in esami illi l-manteniment dovut lir-rikorrenti minn zewgha qed jigi depositat regolarment fil-kont bankarju in esami u ghalhekk kif jigi effettivament tali depositu, jsir u jifforma parti mill-assi in generali appartenenti lil minn jiddetjenti l-istess kont.  Konsegwentement, il-flus, wara dan id-depositu jistghu jkunu soggetti ghal mandat ezekuttiv ta’ sekwestru.  Filfatt, dan il-mandat, kif hi l-ligi sallum, ma jkunx jista’ jinhareg f’idejn minn ikun qed ihallas dan il-manteniment ossija r-ragel tar-rikorrenti fil-kawza in desamina.

Ikkunsidrat

Illi, fuq il-kawzali kif proposta fir-rikors promotur, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta.  Pero’ l-Qorti tirrakomanda li l-intimati jaslu f’arrangament mal-istess rikorrenti dwar kif ghandu jigi effettwat il-pagament tad-drittijiet dovuti lill-istess intimat, liema rakkomandazzjoni qed issir, ukoll fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi, inoltre, jidher li sitwazzjoni bhal dik in desamina ma hi xejn felici tenut kont li jidher li l-manteniment dovut lir-rikorrenti jista jkun l-uniku introjtu taghha u ghalhekk jkun opportun li jsiru l-emendi fil-ligi sabiex f’kaz ta’ mandat ezekuttiv bhal dak in kwistjoni, almenu parti mill-ammont depositat direttament fil-bank jkun disponibbli ‘in parte’ lil min ghandu bzonn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad dak mitlub fir-rikors in esami waqt li l-ispejjes ta’ din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------